# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1015/09/1 JRM**

**Joseph Scicluna u martu Maria Scicluna**

**v.**

**Gianfranco Ronsisvalle u martu Marisa Ronsisvalle; u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2010, l-atti ġew trasfużi f'isem Francesco Ronsisvalle, Luana Ronsisvalle u Loriana Ronsisvalle minħabba l-mewt tal-intimat Gianfranco Ronsisvalle fil-mori tal-kawża; u b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2010, il-Qorti ħelset lil Francesco, Loriana u Luana aħwa Ronsisvalle milli jibqgħu aktar f'din il-kawża; u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2012 l-avukati Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Alison Wadge nħatru bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Filippo Ronsisvalle bħala werriet preżunt tal-wirt battal tal-intimat Gianfranco Ronsisvalle; u skont digriet tat-2 ta' Ġunju, 2020 il-Prokuratur Legali Alison Wadge ġiet mibdula bil-Prokuratur Legali Nadine Farrugia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Joseph u Maria Scicluna minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Frar, 2020, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet tagħhom sabiex jiġbru lura s-somma ta' €123,000, li jgħidu li selfu lill-konvenuti Ronsisvalle, minħabba li l-Ewwel Qorti sabet li din it-talba għall-ħlas kienet frott ta' negozju msejjes fuq kawża illeċita.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Ottubru, 2009, l-atturi fissru li l-konvenuti huma midjunin magħhom fl-ammont sħiħ ta' €123,000 minħabba self fuq l-idejn magħmul f'okkażjoniet differenti. Jgħidu li minkejja li l-konvenut Gianfranco Ronsisvalle dejjem għaraf dan id-dejn u dejjem wiegħed li kien sejjer iħallsu, b'danakollu huwa baqa' ma raddx lura dawn il-flus u meta huwa għaddielhom xi ċekkijiet dawn ma setgħux jiġu msarrfa. Iżidu li kien hemm anke stqarrijiet bil-miktub min-naħa tal-konvenut Gianfranco Ronsisvalle fejn fihom huwa aċċetta li għandu jħallas parti minn dawn is-somom.

3. Billi l-atturi jemmnu li l-kreditu tagħhom huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tagħhom il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet xi

jressqu kontra din it-talba għall-ħlas, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*
>
> *2. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma debituri tal-atturi fis-somma komplessiva ta' €123,000;*
>
> *3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu s-somma komplessiva ta' €123,000 dovut kif fuq premess.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 1740/09, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1739/09, u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

4. B'digriet mogħti fit-12 ta' Marzu, 2010, l-Ewwel Qorti ordnat li l-kawża tkompli fuq Francesco, Luana u Loriana Ronsisvalle minħabba l-mewt tal-konvenut Gianfranco Ronsisvalle.

5. Francesco, Luana u Loriana Ronsisvalle wieġbu fid-9 ta' April, 2010 li huma m'għandhomx il-leġittimitazzjoni passiva f'din il-kawża minħabba li huma kienu rrinunzjaw għall-wirt ta' Gianfranco Ronsisvalle. Minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti tat digriet fil-5 ta' Ottubru, 2010, li permezz tiegħu ħelset lil Francesco, Luana u Loriana Ronsisvalle milli jkomplu jibqgħu jidhru f'din il-kawża.

6. Aktar tard b'digriet ieħor tat-18 ta' Ottubru, 2012, l-Ewwel Qorti ħatret kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Filippo Ronsisvalle bħala l-werriet preżunt tal-wirt battal tal-konvenut Gianfranco

Ronsisvalle.

7. Fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2012, l-Ewwel Qorti tat lill-kuraturi deputati u lill-konvenuta Marisa Ronsisvalle l-jedd li jressqu risposta maħlufa.

8. Il-kuraturi deputati daħħlu r-risposta maħlufa tagħhom fit-28 ta' Ġunju, 2012 u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi huma, fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità tad-defunt Gianfranco Ronsisvalle, mhumiex preżentement edotti mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għaldaqstant, jirriżervaw illi jdaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.*
>
> *2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, iċ-ċirkostanzi kif indikati fir-rikors promotur jagħtu lok għad-deduzzjoni illi tali self prima facie kiser id-dispożizzjonijiet tal-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376) peress illi l-atturi ma kellhomx il-liċenzja neċessarja biex jagħtu s-self mertu ta' dina l-kawża; u għalhekk tali self huwa null u bla effett stante li jimplika causa illeċita.*
>
> *3. Illi fi kwalunkwe każ, u bla preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw illi l-ammont pretiż minnhom huwa fir-realtà dovut u illi tali ammont ma jinkludix imgħax b'rata li teċċedi dak konsentit mil-liġi.*
>
> *4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta Marisa Ronsisvalle ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fit-2 ta' Lulju, 2012 u fiha qajmet dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

> *«1. Preliminarjament, illi l-eċċipjenti li hi mħarrka sempliċement "għal kull interess li jista' jkollha" m'għandhiex tiġi kkundannata twieġeb għat-talbiet attriċi;*
>
> *2. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi ma tweġibx għad-dejn ta' żewġha stante li bejn il-konjuġi Ronsisvalle*

*kien japplika r-reġim tas-separazzjoni tal-beni kif ukoll għaliex l-eċċipjenti irrinunzjat għall-wirt tal-mejjet żewġha;*

*3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nullità tal-obbligazzjoni inkwantu tolqot lill-esponenti stante li l-esponenti ma tatx l-adeżjoni tagħha għal xi ftehim fir-rigward tal-allegat dejn;*

*4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nuqqas ta' validità tal-obbligazzjonijiet mertu tal-kawża stante li dawn huma msejsa fuq causa illecita u jmorru kontra l-ordni pubbliku peress li jikkostitwixxu użura, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi kemm-il darba kien hemm xi self li sar mill-atturi lill-konvenuti irid jittieħed kont tad-datio in solutum li sar bejn il-kontendenti;*

*6. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. B'sentenza finali mogħtija fl-20 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom, għaliex sabet li n-negozju ta' bejn il-partijiet kien imnissel minn kawża illeċita. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien l-ewwel tlaqqa' mal-imħarrek fl-2005, meta dan kien talbu jisilfu tlitt elef Lira Maltija (Lm 3,000) b'rabta mal-importazzjoni f'Malta ta' salotti mill-Italja. Dak iż-żmien, l-attur kien imexxi stabbiliment tal-ikel "take-away" f'Bormla, filwaqt li l-imħarrek kien jaħdem ta' tapezzar u kellu negozju ta' bejgħ ta' salotti li wħud minnhom kien jixtrihom minn azjendi li jagħmluhom f'Malta (Xhieda ta' Leo Vassallo Cesareo f'paġġ. 146 – 8 tal-proċess) u oħrajn li jġib minn barra. Wara li ħallas l-ewwel ammont misluf, l-imħarrek talab lill-attur jisilfu aktar u, fuq medda ta' tliet (3) snin l-attur jgħid li s-somma li kellu jitħallas kienet telgħet għal xi wieħed u tmenin elf u ħames mija u tmienja u għoxrin euro (€ 81,528) (Affidavit tal-attur f'paġġ. 128 – 9 tal-proċess). L-attur jgħid li l-imħarrek kellu l-vizzju li jilgħab u kien hemm min qed jiġri warajh u jheddu minħabba li naqas li jħallas dejnu. L-attur jgħid li, minħabba li l-imħarrek kien qallu li se jneħħi ħajtu b'idejh, reġa' ħenn għalih u silfu erbgħin elf euro (€40,000) fuq l-idejn (fil-fatt jgħid li tletin elf ewro minnhom lill-imħarrek silifhomlu terza persuna, li l-attur jgħid li qallu li jagħmel tajjeb għalihom hu) (Ibid.) u spiċċa ħariġhom minn*

*butu meta l-imħarrek ma wasalx (Xhieda ta' Rudolph Cricchiola u ta' Mario Grech f'paġġ. 133 u 134 tal-proċess);*

*Illi f'nota li ġġib id-data tat-12 ta' Settembru tal-2007 (Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess), l-imħarrek Gianfranco Ronsisvalle jistqarr li għandu jħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) (Li jġibu € 13,976.24 fi flus tal-lum). F'nota oħra tad-19 ta' Lulju, 2008 (Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess) – din id-darba b'firem ta' żewġ xhieda – l-imħarrek jistqarr li għandu jagħti lill-attur tnejn u tmenin elf euro (€ 82,000) u li kellu jħallashom lura sa qabel tmiem Jannar tal-2009;*

*Illi b'kuntratt pubbliku tad-19 ta' Novembru, 2008 (Dok "JS1", f'paġġ. 568 – 575 tal-proċess), fl-atti tan-Nutar Mark Cutajar, l-imħarrkin miżżewġin Ronsisvalle taw, b'titolu ta' datio in solutum lill-atturi flimkien u solidalment bejniethom, ir-remissa bin-numru wieħed (1), fi pjazzetta interna li tiżbokka fi Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid, u dan bi ħlas akkont tal-kreditu ta' wieħed u tletin elf tliet mija u ħames ewro u wieħed u sittin ċenteżmi (€ 31,305.61) mogħtijin lill-imsemmija miżżewġin Ronsisvalle b'self "sabiex il-komparenti Gianfranco Ronsisvalle jkun jista' jħallas parti mill-ispejjeż relatati mat-trattamenti mediċi li huwa rċieva f'dawn l-aħħar xhur". F'dak il-kuntratt, ir-remissa kienet stmata li tiswa €16,305.61 u għalhekk kien għad fadal bilanċ ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) x'jitħallsu;*

*Illi f'Diċembru tal-2008 (Dok "JS2", f'paġ. 576 tal-proċess), l-attur bagħat jinterpella lill-imħarrek b'ittra ta' avukat biex iħallsu l-bilanċ ta' mija u tnax-il elf euro (€ 112,000) għall-flus mgħoddija lilu "brevi manu";*

*Illi fl-20 ta' Marzu, 2009, il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja laqgħet talba magħmula mill-miżżewġin Ronsisvalle biex itemmu r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti u jadottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni: dan sar b'att pubbliku tal-25 ta' Marzu, 2009 (Dok "JS3", f'paġġ. 577 – 580 tal-proċess, fl-atti tan-nutar Joseph Abela);*

*Illi f'Settembru tal-2009 (Dok "JS4", f'paġ. 581 tal-proċess), l-attur reġa' interpella lill-imħarrkin miżżewġin Ronsisvalle biex iħallsu s-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf euro (€ 123,000) qabel ma jinbdew proċeduri bil-qorti kontrihom. L-imħarrkin warrbu t-talba magħmula f'dik l-ittra (Dok "JS5", f'paġ. 582 tal-proċess);*

*Illi fit-23 ta' Ottubru, 2009, l-atturi fetħu din il-kawża. Dakinhar ukoll, l-atturi talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-imħarrek u martu (Rik. Nru. 1739/09) għas-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf ewro (€ 123,000) li huwa s-"sorte" mitlub f'din il-kawża. L-imħarrek Ronsisvalle miet testat (Dokti "Ċ" sa "E", f'paġġ. 15 sa 21 tal-proċess) fit-3 ta' Diċembru tal-2009 (Ara Dok "AA", f'paġ. 13 tal-proċess), qabel ma laħaq laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta*

*mal-każ, irid jingħad li dan il-każ huwa wieħed fejn, tipikament minħabba l-ġrajjiet li fuqhom jinbena, jitlob apprezzament ta' provi u verżjonijiet li jmieru waħda lill-oħra. Tqajmu wkoll eċċezzjonijiet li jippruvaw jolqtu mill-qiegħ l-azzjoni attriċi;*

*Illi dwar il-verżjonijiet tal-fatti mressqa mill-partijiet jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda dubju li l-attur għadda lill-imħarrek somom ta' flus minn fuq l-idejn bil-fehma li dawn jintraddu lura. Għalkemm l-imħarrka tgħid li ma kienet taf xejn b'dan, hemm ċirkostanzi u provi qawwija fl-atti li juru mod ieħor. Kemm hu hekk, meta saritilha mistoqsija dwar x'wassal biex hi u żewġha talbu lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex itemmu s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti biex jadottaw, minflok, is-sistema tal-firda tal-beni, hija dlonk wieġbet li dan sar minħabba d-djun li bdew jirriżultaw u li żewġha ma kienx qiegħed ilaħħaq magħhom. Kwestjoni oħra tirrigwarda x'kien hemm wara r-raġuni għaliex l-attur għadda lill-imħarrek dawk il-flejjes;*

*...*

*Illi skont l-attur, kien wieħed Richard Bugeja li laqqgħu mal-imħarrek madwar is-sena 2005 billi kien jafhom lit-tnejn. L-imħarrek talbu jisilfu l-flus biex jimporta s-salotti; xogħol li l-istess imħarrek diġà kien qieghed jagħmel. L-ewwel darba jgħid li silfu LM3,000 quddiem Bugeja. Jgħid li l-imħarrek wegħdu li jħallsu lura fi żmien xahar. Fil-fatt ħallsu lura LM1,000 minnhom u wara xi ftit ġieblu wkoll LM2,000 iżda talbu jħallih iżommhom għal ġimgħa oħra. L-attur aċċetta wara li ħa parir mingħand Bugeja. L-imħarrek reġa' mar bil-flus f'idejh, iżda talbu li jsellfu LM4,000 biex jimporta xi settijiet tas-salotti oħra (Affidavit tal-attur f'paġ 128 tal-proċess). L-attur jissokta jgħid "Sussegwentement, jiena komplejt nagħmel self brevi manu f'diversi okkażjonijiet u wkoll fuq medda ta' snin mis-sena 2005 sas-sena 2008 u għal ammonti differenti lill-istess Sur Ronsinvalle. Dawn l-ammonti b'kollox telgħu għal LM35,000, ċjoè €81,528. Meta kont sliftu din is-somma ta' flus konna għamilna karta bejnietna li diġà ġiet ippreżentata" (Ibid. para 9 f'paġ 129 tal-proċess). Kemm hu hekk, mar-Rikors Maħluf, l-attur ressaq kopja ta' dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrek u li ġġib id-data tat-12 ta' Settembru, 2007, u li fiha jgħid li jaf li għandu jagħti lill-attur LM6,000 (€14,000 sic) (Dok "A" f'paġ. 5 tal-proċess) u dikjarazzjoni oħra datata d-19 ta' Lulju, 2008 li fiha jagħraf li għandu jrodd lura tnejn u tmenin elf euro (€82,000) bla mgħax sal-aħħar ta' Jannar, 2009, u wara dik id-data bil-"government interest" (Dok "B" f'paġ. 6 tal-proċess);*

*Illi l-attur jisħaq li l-imħarrek ma radd xejn lura minn dawk l-ammonti u "eventwalment" talbu iktar flus għax kien midjun ma' terzi persuni, ħassu mhedded, u kien qed jaħseb li jikkommetti suwiċidju. L-attur sadanittant kien sar jaf li l-imħarrek kellu l-vizzju tal-logħob u kien jilgħab il-flus il-Casino u kien b'hekk li tilef ħafna flus. Minkejja dan, xorta reġa' silfu €41,000 fit-2008. Billi l-attur stess ma kellux din is-somma, issellifha mingħand terzi; ħdax-il elf euro (€11,000) mingħand*

*ħu martu, Mario Grech, u tletin elf euro (€30,000) mingħand wieħed Rudolph Cricchiola, li kien xtara l-ħanut Mexico Take-Away f'Bormla mingħand l-attur, bil-patt li jħallashom lura fi żmien għaxart (10) ijiem (Affidavit tal-attur, para 16 f'paġ. 129 tal-proċess). Billi l-imħarrek baqa' ma wasalx, l-attur jgħid li ħallashom minn butu xi xahar u nofs wara;*

*Illi waqt il-kontroeżami, l-attur wieġeb li ma kienx f'qagħda li jiftakar kemm-il darba silef flus lill-imħarrek (Xhieda tiegħu fil-kontroeżami f'paġ. 611 tal-proċess). Madankollu, jgħid li kien iżomm rendikont li jaġġornah skont meta jitħallas lura l-akkonti u meta jerġa' jislef. Iżda meta nqalbet il-valuta f'Malta għall-ewro, l-imħarrek aċċetta li jiffirma l-kitba fuq imsemmija (f'Lulju tal-2008) li saret ukoll quddiem żewġ xhieda u li kienet turi l-ammont globali li kien maqbul li kellu jagħtih sa dakinhar u għalhekk l-attur jgħid li qered ir-rendikonti li kien iżomm qabel, ħlief għal dik ta' LM6000 li nkitbet f'Settembru tal-2007. Imbagħad l-attur xehed li ż-żewġ somom imsemmijin fiż-żewġ skritturi kienu indipendenti minn xulxin (Ibid. f'paġ. 613 tal-proċess);*

*Illi meta sar il-kuntratt tad-datio in solutum tal-garaxx, fid-19 ta' Novembru 2008, din kienet tirreferi għal somma oħra ta' €31,305 li fil-kuntratt imsemmi tingħad li kienet marbuta man-nefqiet li l-imħarrek kellu jagħmel biex jikkura l-marda li ħakmitu (Xhieda tiegħu fil-kontroeżami, f'paġ 614 tal-proċess). Mistoqsi jekk kienx jislef lill-imħarrek b'mod abitwali, wieġeb li kien għamel ħabta jisilfu bosta drabi għalkemm ma jiftakarx kemm-il darba (Ibid. f'paġ. 616 tal-proċess). Imma mbagħad jgħid li lill-imħarrek qatt ma silfu flus għall-kura mill-marda li kienet ħakmitu, imma dejjem marbuta man-negozju tas-salotti (Ibid. f'paġġ 622 – 3 tal-proċess). Richard Bugeja xehed li l-imħarrek "kien grat ħafna lejn Joe talli kien jisilfu l-flus kull meta jiġi bżonn" (Affidavit tiegħu, f'paġ. 132 tal-proċess). L-attur jisħaq li l-flus lill-imħarrek dejjem silifhomlu mingħajr imgħax (Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġ. 627 tal-proċess). Kemm-il darba matul ix-xhieda tiegħu, qal li dak li wasslu biex jislef lill-imħarrek kien is-simpatija lejh u għaliex kien jitħassru meta jarah mikdud u mifni bil-problema tad-djun u t-theddid ta' min kien isus warajh biex iħallas dejnu;*

*Illi kemm Mario Grech kif ukoll Rudolph Cricchiola jgħidu li silfu l-flus lill-attur li qalilhom li kien qed jagħmel dan f'isem l-imħarrek, iżda mhux fil-preżenza tiegħu. Fil-każ tax-xhud Cricchiola, dan qal: "Żmien ilu ma niftakarx eżatti" l-attur talbu jislef lill-imħarrek. "Qalli li hu fil-passat kien jisilfu xi flus u dejjem mexa ta' raġel miegħu" (Affidavit tiegħu, f'paġ. 133 tal-proċess). Min-naħa l-oħra x-xhud Mario Grech xehed li: "Joe niftakru jgħidli li ma kinitx l-ewwel darba li silef xi flus lil Ronsisvalle u li dan dejjem tahomlu lura" (Affidavit tiegħu f'paġ. 134 tal-proċess). Toħroġ kontradizzjoni fl-affidavit ta' Mario Grech billi l-ewwel jgħid li l-attur laqqgħu mal-imħarrek wara li dan kien talab lill-attur jisilfu l-flus u fil-fatt Grech silef €11,000 biex dan jislifhom lil Gianfranco u mbagħad qal li ltaqa' miegħu l-ewwel darba meta fuq talba tal-attur silfu €2,400, liema somma l-konvenut ħallas lura (Ibid);*

*Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek ma xehedx fil-kawża b'mod dirett, għaliex laħaq miet sa qabel ma laħqet saritlu n-notifika tal-atti tal-kawża. Il-verżjoni tiegħu tressqet fl-atti fis-sura ta' dikjarazzjoni maħlufa li kien għamel ftit ġimgħat qabel mewtu (Art. 600 tal-Kap 12) fil-15 ta' Settembru, 2009, quddiem Kummissarju li jagħti l-Ġuramenti (Affidavit tiegħu f'paġġ. 122 – 3 tal-proċess). Fiha, qal li kien jissellef il-flus minn fuq l-idejn biex isostni n-negozju u l-familja. Jgħid li ssellef għoxrin elf euro (€20,000) bl-użura minghand l-attur li ried erbgħin elf ewro (€40,000) lura. L-imħarrek jgħid li biex qata' dan id-dejn, spiċċa li lill-attur tah garaxx stmat €16,305.61 għalkemm jiswa iżjed u kien iddikjarat li fadal bilanċ ta' €15,000. Stqarr li ffirma l-kuntratt għax kien marid bil-kanċer u fl-aħħar xhur kien waqaf jaħdem. Ma kienx f'pożizzjoni jirreżisti t-theddid u l-pressjonijiet tal-attur. L-imħarrek jgħid li mhux minnu dak li hemm fil-kuntratt li ssellef għall-kura tal-kanċer. Issellef f'okkażjonijiet preċedenti mingħand l-attur, bl-użura, u dejjem ħallashom lura. Ġieli kien iħallas €1,000 imgħax iktar jekk idum iktar minn ħmistax-il jum ma jħallas;*

*Illi f'din il-kawża, tressqu tliet (3) raġunijiet li wasslu lill-imħarrek jitlob is-self. L-ewwel waħda hija ċ-ċirkostanza tal-marda kiefra li ħakmitu, iżda dwar dan, il-Qorti titkellem aktar 'l isfel fis-sentenza. It-tieni waħda hija d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom l-imħarrek fin-negozju tiegħu. Dwar dan inġabu provi li wieħed jista' joqgħod fuqhom (Xhieda ta' Leo Vassallo Cesareo u Spettur Angelo Gafà f'paġġ. 146 – 7 u 183 – 4 tal-proċess) li l-imħarrek kien wasal f'qagħda mwiegħra fin-negozju tiegħu u kien beda jirrikorri għal għemejjel li kabbar il-konsegwenzi tal-qagħda tiegħu (Ara Dokti "AG1" u "AG2", f'paġġ. 152 – 7 tal-proċess). It-tielet raġuni hija l-vizzju tal-logħob. Dwar dan ukoll tressqu provi ta' min joqgħod fuqhom li jixhdu li l-imħarrek kien ilu fuq medda ta' snin (saħansitra sa minn qabel iltaqa' l-ewwel darba mal-attur) jilgħab (Ara Dokti "AGB" u "AGC", f'paġġ. 199, 201, 206, 213, 222, 223, 224 u 239 u 246 sa 281 tal-proċess). Din ix-xejra jidher li baqgħet għaddejja fiż-żmien rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża u sakemm l-imħarrek kien għadu jista' jimxi, u b'intensità u konsistenza (Ara Dok "AGC", f'paġ. 323 tal-proċess (fejn, fl-10 ta' Ottubru, 2008, l-imħarrek ġibed €6,000 f'lejla waħda mill-kont tal-karta ta' kreditu tiegħu)). Dawn iċ-ċirkostanzi jixhdu wkoll li, minbarra l-piż tad-djun li kien tgħabba fihom, l-imħarrek kien vittma faċli ta' min seta' jagħżel li jsellfu aktar flus;*

*Illi f'dan il-qafas ta' xhieda l-Qorti tgħaddi biex tqis il-prova tad-dejn u l-prova tal-ħlas. Kif ingħad, ma huwiex kontestat li kien sar self u li dan ma sarx f'okkażjoni waħda. Fi kwistjonijiet dwar djun u talbiet għall-ħlas lura tagħhom ingħad li, fejn issir talba għar-radd lura ta' flus dovuti fejn id-debitur ewlieni jkun miet, il-Qorti għandha timxi b'qies u b'ċirkospezzjoni fl-evalwazzjoni tal-provi (App. Inf. PS 3.11.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Taliana v. Leonard Vassallo Cesareo**). Minbarra dan, jaqa' fuq il-parti kreditriċi li turi tajjeb biżżejjed li hemm dejn u x'inhu l-ammont tabilħaqq dovut lilha, u li tipprova wkoll li l-parti midjuna lejha baqgħet inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta l-parti attriċi*

*twettaq u tissodisfa din il-prova illi mbaghad il-piż jinqaleb fuq il-parti mħarrka li tallega li tkun ħallset. Dan il-prinċipju jinbena fuq ir-regola li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, kif ingħad b'awtorità f'dan ir-rigward, "fil-każ ta' kunflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċjoè, l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur'" (P.A. MCC 27.5.1970 fil-kawża fl-ismijiet* ***Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri*** *(mhix pubblikata));*

*Illi bħala prova tal-eżistenza tad-dejn, l-attur jistrieħ fuq iż-żewġ dikjarazzjonijiet miktuba li jidher li juru li l-imħarrek għandu jagħti, u kif ukoll fuq ix-xhieda mressqa minnu. Din il-Qorti dehrilha li kellha tiġbor fil-qosor l-imsemmija xhieda sewwasew minħabba l-fatt li l-imħarrek ma kienx f'qagħda li jressaq xhieda huwa personalment u minħabba li l-istess xhieda mressqa mill-attur mhux dejjem torbot jew taqbel. Fir-rigward taż-żewġ kitbiet, l-ebda waħda minnhom ma hija awtentikata minn avukat jew min-nutar pubbliku u l-imħarrek ma setax jiddikjara jekk il-firem fuqhom kinux tiegħu tassew (Ara art. 634(1) tal-Kap 12), billi laħaq miet qabel seta' jilqa' n-notifika tal-atti tal-kawża. Il-Qorti tqis ukoll li, fil-każ tat-tieni kitba (dik ta' Lulju tal-2008), kien hemm il-firem ta' żewġ xhieda u wieħed minnhom, Richard Bugeja, tressaq jixhed fil-kawża imma, għal xi raġuni jew oħra, m'għamel l-ebda riferenza għall-istess kitba fl-affidavit tiegħu, u għalhekk ma tħarisx (meta dan kien possibbli) l-vot li titlob il-liġi proċedurali f'dan ir-rigward(Art. 635(b) tal-Kap 12). Ladarba l-attur jgħid li s-self tal-€41,000 ma kienx kopert bl-imsemmija kitba, ma ressaq l-ebda prova dwar meta sar tali self, minkejja li ż-żewġ persuni li qal li għaddewlu l-flus ressqu x-xhieda tagħhom bla ma taw l-iċken ħjiel ta' meta allegatament silfu l-flus. Għalhekk, ukoll kieku wieħed kellu joqgħod fuq is-siwi tat-tieni kitba, m'hemmx prova li din is-somma mhix inkluża fis-somma msemmija fiha. Fil-kuntratt tad-'datio in solutum', issemma li l-atturi silfu €31,305.61 lill-imħarrek (u l-imħarrka dehret ukoll fuq il-kuntratt) biex iħallas parti min-nefqiet għall-kura medika, u li l-imħarrkin kienu qed jagħtuhom garaxx b'datio in solutum ta' parti mid-dejn u li kien fadlilhom jagħtuhom bilanċ. L-attur isostni li dan il-kuntratt jirreferi għal dejn li ma għandu x'jaqsam xejn mas-somma msemmija fil-kitba ta' Lulju tal-2008. B'danakollu ma jispjegax kif sar dan id-dejn; jiċħad li sar għall-kura tal-marda tal-kanċer ta' Ronsisvalle; kif tiċħad l-imħarrka li tisħaq li l-kura kollha li ngħata żewġha saret fi sptarijiet f'Malta u mingħajr ħlas. B'danakollu hekk hemm imniżżel fil-kuntratt. Il-Qorti tqis li, minbarra dik id-dikjarazzjoni fil-kuntratt, idarras ukoll il-fatt li, ladarba d-'datio in solutum' xorta ma qatax id-dejn imsemmi fil-kuntratt, fl-istess kuntratt id-dejn pretiż mill-atturi f'din il-kawża ma jissemma mkien, imqar biex l-atturi jiksbu titolu eżegwibbli bis-saħħa tal-istess att fuq dejn li suppost kien diġà qiegħed iħasseb lill-attur meta kien se jitħallas u meta l-qagħda fiżika tal-imħarrek kienet diġà magħrufa. B'żieda ma' dan, kemm l-imħarrka u kif ukoll l-attur innifsu xehdu li waqt il-kuntratt ma ssemma l-ebda dejn ieħor bejniethom.*

*Mhux hekk biss, imma l-imħarrka baqgħet bl-impressjoni li b'dak il-kuntratt sar ftehim dwar id-dejn kollu li kellu żewġha sa dakinhar;*

*Illi fl-affidavit tiegħu, l-imħarrek xehed li kellu djun oħra qabel u li ħallashom kollha. Huwa minnu li l-prova tal-ħlas kienet taqa' fuqu, u l-imħarrka armla tiegħu ma ġiebet l-ebda xhieda ta' dan apparti l-affidavit innifsu. Fl-affidavit hemm ħjiel ċar li l-imħarrek kien intlaqat minn marda terminali, u fil-fatt miet ftit iktar minn xahrejn wara. Il-persuna li tatu l-ġurament (Xhieda ta' Joelene Paċe Ciscaldi f'paġġ. 643 – 4 tal-proċess) fissret li kienet marret fid-dar tiegħu u ħalfu quddiemha u li, meta sabitu, kien f'siġġu tar-roti. Il-liġi tagħna, għalkemm hija wiesgħa tant li saħansitra tammetti dikjarazzjoni magħmula minn kwalunkwe persuna, titlob li jintwera li din tkun saret bil-ħsieb u f'ċirkostanzi tali li wieħed għandu jaħseb li min għamilha ma riedx ibiddel is-sewwa. L-affidavit tal-imħarrek huwa bla dubju ammissibbli, imma dan ma jfissirx li l-Qorti trid temmen bilfors kulma jingħad fih. Għalkemm il-liġi tagħna ma tgħid xejn fir-rigward, xhieda bħal din trid tittieħed b'ċirkospezzjoni kbira għaliex il-parti li kontriha saret l-istqarrija ma tistax tagħmel kontroeżami. Xhieda bħal din trid tittieħed flimkien ma' xhieda oħra. B'danakollu dan l-affidavit huwa kredibbli għaliex ikkorroborat mix-xhieda tal-persuni li allegatament silfu l-flus wara l-iskrittura tad-19 ta' Lulju 2008; dawn xehdu li l-attur innifsu kien qalilhom li l-imħarrek kien ta' min jafdah billi dejjem ħallsu lura dak li kellu jagħtih;*

*Illi madankollu, ma hemmx dubju li, sa ma l-imħarrek laħaq għalaq għajnejh, ma kienx qata' s-somma kollha li l-attur kien qiegħed jippretendi mingħandu u l-ħruġ ta' sensiela ta' cheques mill-kont bankarju konġunt tal-imħarrkin (uħud minnhom bil-firma tagħhom it-tnejn) tixhed din il-ħaġa (Ara Dokti f'paġġ. 654 sa 667 tal-proċess (animo ritirandi));*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, minbarra l-kwestjoni tal-kontestazzjoni tad-dejn u tal-konsistenza tiegħu, tqajmet eċċezzjoni ta' xejra legali li taf tolqot is-siwi ta' dak kollu li wassal għal din il-kawża. Tqajmet l-eċċezzjoni li s-self vantat mill-attur huwa milqut minn kawża illeċita. Il-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-wirt battal tal-imħarrek jgħidu li s-self li l-attur jgħid li għamel lill-imħarrek sar kollu bi ksur tal-liġi u għalhekk ma jiswiex. Fit-Tweġiba tagħhom jindikaw li jserrħu din l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi bis-saħħa ta' dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-5 ta' Frar, 2014, il-partijiet qablu li l-attur mhuwiex persuna liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex jaġixxi bħala istituzzjoni finanzjarja;*

*Illi l-Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji fiż-żmien rilevanti għall-każ (Billi d-dispożizzjoni nbidlet mill-ġdid bis-saħħa tal-art. 21 tal-Att XXVI tal-2019) kien jgħid hekk: "Ebda kummerċ ta'*

*istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpanija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti." Fiż-żmien rilevanti wkoll, il-liġi kienet tfisser "istituzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 2 tal-imsemmi Att b'dan il-mod: "kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività". L-ewwel attività li hemm imniżżla fl-Ewwel Skeda – u din l-Iskeda f'dan ir-rigward ma nbidlitx minn mindu ġiet fis-seħħ il-ligi fl-1994 (Il-bidliet li ddaħħlu bl-Atti II tal-2010, X tal-2011 u XXVI tal-2019), ma jolqtux din il-parti rilevanti għall-każ – hija dik ta' "self", li fil-qafas tal-liġi nnifisha tista' tfisser biss self ta' flus;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-mutwu bħala kuntratt imħares mill-Kodiċi Ċivili (Ara art. 1842 et seq tal-Kap 16) ma tħassarx bil-fatt li daħal fis-seħħ il-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmi Att bl-ebda mod ma jgħid li kull self ta' flus minn fuq l-idejn ikun għemil imsejjes fuq kawża illeċita jekk kemm-il darba ma jsirx minn istituzzjoni finanzjarja liċenzjata. Mhux kull self ta' ħaġa funġibbli fuq l-idejn jitlob li dan isir minn persuna li jkollha liċenza, u għalhekk mhux kull self ta' flus fuq l-idejn ikun ir-riżultat ta' kawża illeċita jekk kemm-il darba jsir minn xi ħadd li m'għandux liċenza biex jislef (Ara P.A. AL 30.3.2012 fil-kawża fl-ismijiet* ***Paul Gauci et v. Dominic Farrugia et*** *(in parte mhix appellata). Madankollu, sewwasew minħabba l-problemi li jistgħu jinħalqu minn attività persistenti ta' self bla rażan u taħt kundizzjonijiet ta' sfruttament bla skruplu kontra min ikollu jirrikorri għal ħaġa bħal din, il-leġislatur ħass il-ħtieġa li jirregola din l-għamla ta' kuntratti u jorbotha ma' qafas legali maħsub li jħares lil min jiġi fil-qagħda li jkollu jissellef;*

*Illi, min-naħa l-oħra, il-liġi tagħmilha ċara li biex jiġbed fuqu s-sanzjoni maħsuba mil-leġislatur, jeħtieġ li min jislef ikun jagħmel dan b'ċerta frekwenza jew regolarità (App. Krim VDG 5.11.2004 fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Raymond Bajada****) aktar milli jekk dak li jislef ikunx jagħmel dan bħala n-negozju jew attività kummerċjali tiegħu (ukoll jekk ma tkunx attività kummerċjali ewlenija tiegħu). Għalhekk, il-leġislatur ma riedx li jolqot lil min jislef il-flus lil ħaddieħor għax darba kultant tiġih l-okkażjoni li jagħmel hekk; il-leġislatur ried li, għall-kuntrarju, jolqot lil min jagħmel attività ta' self b'mod tali u ta' frekwenza li jingħaraf minn ħaddieħor bħala persuna mdaħħla f'din l-attività bi drawwa. Kemm hu hekk, huwa mħolli fil-ġudizzju tal-Qorti minn każ għal każ li tqis jekk l-għemil ta' self li tkun qiegħda tistħarreġ ikunx jew le l-frott ta' kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja. Hemm ċirkostanzi – bħal, per eżempju, meta n-negozju jsir bejn persuni minħabba ħbiberija jew qrubija – li jagħtu 'l wieħed x'jifhem li dak is-self ma jkunx wieħed li jaqa' taħt is-sanzjoni tal-Att, ukoll jekk jittenna aktar minn darba (P.A. LSO 27.2.2014 fil-kawża fl-ismijiet* ***George Zammit et v. Alfred Zammit et*** *(mhix appellata));*

*Illi madankollu, jekk kemm-il darba arranġament ta' self ikun jaqa' fil-*

*parametri tal-Att, dak l-arranġament ma jkunx jiswa għalkollox u ma jnissel l-ebda rabtiet għaliex ikun sar taħt kawża illeċita jekk ma jkunx sar minn istituzzjoni finanzjarja – li tgħodd fiha wkoll persuna fiżika - liċenzjata (Ara Maġ (Għ) AE 3.3.2009 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ronald Azzopardi v. Francis Bonello et*** *(konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3.2.2012);*

*lli fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta mill-provi li l-attur silef lill-imħarrek għadd konsiderevoli ta' drabi, fuq bażi regolari, u fuq medda ta' erba' snin. Tant silfu drabi li qal li huwa impossibbli li jiftakar kemm-il darba silfu. Minkejja li l-attur jgħid li kien jislef lill-imħarrek għaliex kien jitħassru u jħenn għalih, il-Qorti ssib li s-self imtenni m'għamlux bi ħbiberija imma bħala negozju. Kien jew ma kienx iżommlu mgħax – u l-Qorti hawnhekk ukoll għandha aktar minn dubju fondat li ma huwiex minnu li ma ntalabx imgħax – intwera b'mod ċar li s-self ma sarx għalxejn u l-attur, fejn seta', tħallas sew. Il-kuntratt tat-trasferiment tar-remissa b'datio in solutum jitfa' dawl rilevanti fuq dan il-modus operandi tal-attur. Għalhekk is-self imtenni li sar mill-attur kien jaqa' fit-tifsira ta' attività mħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma jiswiex għaliex sar bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet;*

*Illi minħabba f'hekk, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex kull ammont li seta' kien għadu ma ntraddx lura lill-atturi mhuwiex eżiġibbli għaliex huwa l-frott ta' negozju msejjes fuq kawża illeċita, u l-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrkin f'dan ir-rigward hija mistħoqqa.»*

11. L-atturi Joseph u Maria Scicluna appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-10 ta' Marzu, 2020, bi tliet aggravji: (i) li l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** ma jgħoddx għal dan il-każ u li għalhekk ma kienx hemm kawża illeċita; (ii) li s-self ma kienx fih imgħax; u (iii) li huma ma kellhomx jeħlu l-ispejjeż tal-kawża.

12. Il-konvenuta Marisa Ronsisvalle wieġbet għal dan l-appell fit-22 ta' Ġunju, 2020, u tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud. Min-naħa l-oħra l-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda risposta bil-miktub għal dan l-appell.

13. Inżamm smigħ fid-29 ta’ Frar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-**ewwel aggravju** tagħhom, l-atturi jikkritikaw lill-Ewwel Qorti talli kkonkludiet li s-self mogħti minnhom kien imniġġes b’kawża illeċita minħabba li huma ma kellhomx liċenzja biex ikunu jistgħu jsellfu l-flus skont l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**.

15. L-atturi appellanti jsostnu li huma ma kellhomx bżonn ta’ tali liċenzja għaliex is-self mertu ta’ din il-kawża ma kienx jaqa’ fit-tifsira ta’ «*attività*», li dwaru hemm il-ħtieġa ta’ liċenzja skont l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**.

16. Jargumentaw f’dan ir-rigward, li l-fatt waħdu li ma ġiex muri li l-atturi silfu xi flus lil persuni oħra barra mill-konvenuti, kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tikkonkludi li f’dan il-każ l-aġir tagħhom ma kienx jammonta għal kummerċ ta’ istituzzjoni finanzjarja. Minbarra dan, huma jgħidu wkoll li l-fatt li huma silfu ammonti ta’ flus lill-konvenuti f’aktar minn okkażjoni waħda ma jsarrafx b’daqshekk f’kummerċ abitwali. Għalhekk l-atturi appellanti jtennu li għas-self mogħti minnhom ma jgħoddux id-

dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**.

17. Il-kwistjoni li din il-Qorti hija mitluba li tistħarreġ f'dan l-aggravju hija jekk l-atturi għandhomx jitqiesu bħala istituzzjoni finanzjarja u għalhekk jekk kellhomx bżonn ta' liċenzja maħruġa taħt l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** sabiex isellfu l-ammont ta' €123,000, li huma qegħdin jitolbu li jiġbru lura mingħand Gianfranco Ronsisvalle.

18. Fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2014, ġie ddikjarat mill-partijiet li l-attur Joseph Scicluna mhuwiex persuna liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex jaġixxi bħala istituzzjoni finanzjarja.

19. Issa fiż-żmien rilevanti għall-każ, l-**Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** kien jaqra hekk:

> *«Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpanija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.»*

20. Dejjem fl-istess żmien, il-frażi '*istituzzjoni finanzjarja*' kienet imfissra hekk fl-**Artikolu 2 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**:

> *«istituzzjoni finanzjarja tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew tidħol biex twettaq xi attività mniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività.»*

21. L-ewwel attività li tissemma f'din l-iskeda hija sewwasew is-self.

22. Ifisser għalhekk li jekk wieħed jaqra f'daqqa l-**Artikoli 2** u **3(1)** tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** u l-Iskeda li hemm mehmuża ma' dan l-Att, joħroġ li persuna ma tistax bħala kummerċ issellef flus b'mod regolari jew abitwali mingħajr liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti.

23. Min bħala negozju jsellef b'mod regolari jew abitwali, bla ma jkollu f'idejh din il-liċenzja, kien meqjus bħala ħati ta' reat skont l-**Artikolu 22(1)(a)** tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** (kif kien fiż-żmien rilevanti). U skont l-**Artikolu 23** tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**, dejjem kif kien fis-seħħ fiż-żmien rilevanti, il-persuna ħatja setgħet teħel multa ta' mhux iżjed minn Lm200,000 (illum daqs €465,874.68) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

24. Billi għalhekk il-kummerċ ta' self regolari jew abitwali ta' flus mingħajr liċenzja huwa pprojbit mil-liġi, tant li dan huwa meqjus bħala reat, allura dan iwassal għall-konklużjoni li kull min isellef flus bla liċenzja jkun qiegħed jagħmel dan fuq il-bażi ta' kawża illeċita.

25. Kemm hu hekk, l-**Artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-kawża ta' kuntratt hija illeċita meta din hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku (ara ***J & C Contracts Limited v. Maria Camilleri e*****t** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2020).

26. Il-konsegwenza ta' obbligazzjoni li tkun magħmula fuq kawża illeċita hija li dik l-obbligazzjoni ma jkollha l-ebda effett (ara l-**Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili** u ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et*** deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023). Dwar dan ġie mtenni li fejn ħaġa tkun ipprojbita mil-liġi bħala oġġett, il-kuntratt relattiv ikun invalidu għax ikun nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti tiegħu, u ma jkunx jista' jkollu effett (ara ***Angelo Spiteri et pro et noe v. Andrew Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2016 u ***Albert Mizzi v. Silvio Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Jannar, 2006).

27. Kif tajjeb ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited*** deċiża fit-2 ta' Frar, 2018, min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li, jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta' deterrent għal min jiġih il-ħsieb li jagħmel negozju bi ksur tal-liġi u ma għandhiex tkun il-Qorti stess li tneħħi dan id-deterrent għal min ikun irid iqarraq biha.

28. Terġa' u tgħid hija l-liġi stess li tgħid fl-**Artikolu 991 tal-Kodiċi Ċivili**, li l-parti involuta fl-illeċità ma tistax titlob lura dak li tkun tat lill-parti

l-oħra. Dan jagħmel sens għaliex ħadd ma jista' jsejjes azzjoni ġudizzjarja fuq att illegali (ara ***J.M.V. Holding Limited et v. Karina Holdings Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2007).

29. Għaldaqstant mhijiex ammissibbli t-talba għar-radd lura ta' flus li jkunu ġew mgħoddija  b'mod illegali, b'dana li l-parti involuta f'dik l-illegalità ma tistax iddur fuq il-qrati biex joffru l-għajnuna tagħhom biex hija tkun tista' tiġbor lura flus li tkun għaddiethom bi ksur tal-liġi (ara ***Giovanni Scicluna v. Filippo Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 1945).

30. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, ifisser li kull persuna li taqa' fit-tifsira ta' istituzzjoni finanzjarja għall-għanijiet tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** u sselllef flus bla ma jkollha liċenzja biex tagħmel dan, ma tistax tippretendi li tiġi quddiem il-qrati u titlob biex tiġbor lura l-flus li hija tkun sellfet.

31. Jissokta jingħad, li fit-test oriġinali tiegħu tal-1994, l-**Artikolu 2** tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** kien ifisser il-kelma '*persuna*' bħala li tinkludi korp ta' persuni, kemm jekk korp ġuridiku jew le. Madankollu din it-tifsira ta' persuna kienet ġiet imneħħija mill-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**, b'riħet il-**klawsola 203** tal-**Att XVII tal-2002**. L-ebda tifsira oħra għall-kelma '*persuna'* ma ġiet imdaħħla fl-**Att dwar l-Istituzzjonijiet**

**Finanzjarji**. Għalhekk fin-nuqqas ta' definizzjoni ta' '*persuna*' fl-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**, il-Qorti jkollha ddur fuq l-**Artikolu 4(e) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**, li xorta waħda tfisser l-kelma '*persuna'* bħala li tinkludi kemm persuna ġuridika, kif ukoll persuna li mhijiex waħda ġuridika.

32. Jiġi b'hekk, li għall-għanijiet tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**, l-istituzzjoni finanzjarja tista' tkun kemm persuna fiżika, kif ukoll persuna ġuridika.

33. Fis-sewwa l-appellanti mhumiex qegħdin isostnu fl-appell tagħhom li self bla liċenzja taħt l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** ma joħloqx kawża illeċita jew li persuni fiżiċi ma jistgħux ikunu istituzzjoni finanzjarja skont din il-liġi. Mod ieħor, l-appellanti qegħdin jargumentaw li huma ma jistgħux jiġu meqjusa bħala istituzzjoni finanzjarja għaliex is-self ingħata biss lil Gianfranco Ronsisvalle u ma nġabitx evidenza li turi li huma silfu wkoll lil persuni oħra apparti lill-imsemmi Gianfranco Ronsisvalle. Għalhekk huma jtennu li ma jistgħux jitqiesu li kienu jsellfu l-flus b'mod regolari jew abitwali.

34. Din il-Qorti tqis li kif tajjeb ġie mfisser mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza ***Ronald Azzopardi v. Francis Bonello et*** deċiża fit-3 ta' Marzu, 2009 u kkonfermata mill-Qorti

tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012, il-kliem «*regolari*» jew «*abitwali*» huma sinonimi ta' xulxin, u jindikaw attività persistenti u kostanti. Attività din, li tista' tgħid tkun saret bħala drawwa għaliex tibqa' tiġi ripetuta ħafna drabi. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b'daqshekk li din awtomatikament taqa' fit-tifsira ta' istituzzjoni finanzjarja. Sewwasew minħabba f'hekk il-leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni tal-qrati sabiex jiddeċiedu jekk persuna tkunx qiegħda tagħmel attività bħala istituzzjoni finanzjarja jew le.

35. Barra minn hekk biex wieħed jista' jitqies bħala istituzzjoni finanzjarja, irid jintwera li s-self ma jkunx sar bi pjaċir iżda jkun sar b'negozju jew investiment (ara ***Mario Difesa et v. Joseph Fabri*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2015). Fil-fatt m'hemmx bżonn ta' liċenzja skont l-**Artikolu 3** tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji** biex isir self bejn tnejn min-nies minħabba li jkunu ħbieb u għal motivi personali li jkun sab ma' wiċċu d-debitur (ara ***Simon Parnis v. Benedetta Meilak et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Frar, 2009).

36. Bħalma poġġietha tajjeb ħafna l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Raymond Bajada*** deċiża fil-5 ta' Novembru, 2004, il-liġi ma titlobx liċenzja fuq min jislef il-flus lil ħaddieħor għax darba kultant tiġih l-okkażjoni li jagħmel hekk; iżda tolqot lil min jagħmel tali self b'dak il-mod u b'dik il-frekwenza li meta tarah tgħid, bejnek u bejn ruħek, «*dan*

*sar qisu bank*!»

37. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma taqbilx mal-atturi appellanti li biex ikun hemm kummerċ ta' self b'mod regolari jew abitwali, hemm bżonn li jintwera li dik il-persuna tkun sellfet il-flus lil aktar minn persuna waħda.

38. Għad li s-self lil aktar minn persuna waħda, taf tkun indikazzjoni tajba li l-persuna tkun qiegħda ssellef il-flus b'mod regolari u abitwali, madankollu l-liġi mkien ma tgħid li r-regolarità jew il-frekwenza tas-self tiddependi fuq in-numru ta' nies li jkunu ssellfu mill-istess persuna. Għalhekk persuna li bħala kummerċ dejjem sellfet il-flus lill-istess persuna tista' tintlaqat ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarja**, sakemm jintwera li s-self lil dik l-istess persuna kien qiegħed isir fuq bażi regolari u abitwali.

39. Fi kliem ieħor, bniedem li jkun qiegħed isellef il-flus b'mod regolari u abitwali lill-istess persuna minħabba raġunijiet li ma jkunux imnissla minn rabtiet personali, ħbiberija jew solidarjetà, ma jistax isellef dawk il-flus mingħajr liċenzja maħruġa taħt l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarja**.

40. Din il-Qorti wara li għarblet bir-reqqa l-provi kollha li ġew imressqa fil-kawża, tasal għall-istess fehma tal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ l-attur

Joseph Scicluna kien qiegħed jaġixxi bħala istituzzjoni finanzjarja skont l-**Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarja** u għalhekk huwa ma setax isellef dawk il-flus mingħajr liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti.

Dan qed jingħad meta wieħed iqis: (i) li huma l-atturi stess li fir-rikors maħluf tagħhom jistqarru li s-self fuq l-idejn twettaq f'aktar minn okkażjoni waħda; (ii) li dawn l-okkażjonijiet ta' self ma sarux fi żmien qasir iżda saru fuq medda ta' erba' snin; (iii) li l-okkażjonijiet ta' self tant kienu regolari u frekwenti li l-appellant Joseph Scicluna lanqas biss kellu l-ħila jiftakar kemm-il darba silef flus lil Gianfranco Ronsisvalle; (iv) li l-ammont ta' self li qiegħed jintalab f'din il-kawża mhuwiex wieħed żgħir iżda huwa wieħed għoli ħafna li jlaħħaq l-ammont ta' €123,000; (v) li saħansitra minbarra dan l-ammont pendenti ta' self, jirriżulta li Gianfranco Ronsisvalle kien issellef aktar flus, tant li biex jaqta' parti minn dan is-self huwa kien b'kuntratt tad-18 ta' Novembru, 2008, ittrasferixxa garaxx lill-attur appellant b'titlu ta' *datio in solutum*; (vi) li għalkemm l-attur appellant jgħid li huwa sellef dawn il-flejjes lil Gianfranco Ronsisvalle għaliex kien jitħassru, din il-Qorti mingħajr tlaqliq tgħid li ma temmnux għaliex mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li bejniethom kien hemm xi rabta familjari jew ħbiberija, li kienu jispjegaw is-self ta' ammonti kbar daqshekk ta' flus; (vii) li skont kif ġie ddikjarat mill-attur stess fl-affidavit tiegħu, dan Gianfranco Ronsisvalle kien talbu li jsellfu l-flus saħansitra fl-ewwel okkażjoni li huwa kien iltaqa' miegħu u għalhekk huwa ċar li l-attur ma kienx jaf lil

Gianfranco Ronsisvalle qabel ma sellfu l-flus; u (viii) li dejjem skont l-affidavit tal-attur, Gianfranco Rosinsvalle kien mar għandu mhux b'kumbinazzjoni iżda għaliex kien ġabu wieħed Richard Bugeja peress li Gianfranco Rosinsvalle kellu bżonn li jikseb self.

41. Illi minħabba f'hekk, din il-Qorti tikkonferma dak li qalet l-Ewwel Qorti li l-atturi appellanti m'għandhomx jedd li jiġbru lura s-somma ta' €123,000, ladarba dawn il-flus ġew mislufa mingħajr liċenzja bi ksur tal-liġi. L-atturi appellanti ma messhomx silfu dawn il-flus kollha bla liċenzja, ladarba l-liġi kienet titlob li biex titwettaq attività bħal dik hemm bżonn ta' liċenzja, u dan saħansitra taħt piena ta' reat kriminali. *Quod quis ex sua culpa damnum sentit, damnum sentire non videtur*, li maqlub għall-Malti jfisser: li kull min iħoss ħsara minħabba tort tiegħu stess, ma jidhirx li jkun ġarrab ħsara.

42. L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

43. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis it-**<u>tieni aggravju</u>** tal-atturi appellanti dwar jekk is-self mogħti minnhom kienx fih imgħax, ladarba din il-Qorti kkonkludiet li huma ma jistgħux jiġbru lura l-flus mislufa minnhom minnħabba li huma sellfu dawn il-flus b'mod illegali. Anke dan it-tieni aggravju għalhekk qiegħed jiġi mwarrab.

44. Fl-aħħar nett, din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' l-**aħħar aggravju** dwar il-kap tal-ispejjeż. Tassew, l-atturi appellanti kien ħaqqhom jeħlu l-ispejjeż tal-kawża ta' quddiem l-Ewwel Qorti, ladarba huma ħarġu telliefa fil-kawża.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-atturi Joseph u Maria Scicluna u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da